31981R1416

28.5.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 142/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM, KEFA, KEE) Nru 1416/81 tad-19 ta' Mejju 1981 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri, u r-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-membri tal-Kummissjoni kif ukoll tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 78e tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 206 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 180 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi, ċerti disposizzjonijiet fir-Regolamenti li jistabbilixxu l-emolumenti tal-membri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti ta' l-Awdituri, għandhom jiġu emendati, l-aktar biex tkun aġġornata l-*allowance* ta' sussistenza ta' kuljum għall-membri li jkunu fuq xi missjoni, biex tiġi ffissata rata minima għall-pensjonijiet ta' tfal orfni, u biex jiddaħħlu regoli fuq il-parita' monetarji u l-ippeżar li għandhom japplikaw għall-pensjonijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 tat-18 ta' Ottubru 1977 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri [1], qed jiġi hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 7(ċ) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ċ) *allowance* ta' sussistenza ugwali, għal kull ġurnata sħiħa ta' assenza, għal 105 % tal-*allowance* ta' sussistenza ta' kuljum kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għal uffiċjali fi grad A 1 li jkun fuq missjoni."

2. L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 16(1) għandha tinbidel bis-subparagrafu li ġej:

"Madankollu, jekk il-mewt ta' membru tal-Qorti ta' l-Awdituri sseħħ matul iż-żmien tal-kariga tiegħu,

— il-pensjoni tas-superstiti għall-armla għandha tkun ugwali għal 36 % tas-salarju bażiku li dan ikun jirċievi sa meta jkun seħħ l-att tal-mewt,

— il-pensjoni tas-superstiti għall-ewwel wild orfni kemm mill-missier u kif ukoll mill-omm m'għandhiex tkun anqas minn 12 % tas-salarju bażiku li dan ikun jirċievi meta jkun seħħ l-att tal-mewt. Fejn jitħallew diversi tfal orfni kemm mill-omm u kif ukoll mill-missier, l-ammont totali tal-pensjoni tas-superstiti għandu jinqasam b'mod ugwali bejn it-tfal orfni li jkollhom jedd għaliha."

3. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 16:

"7. Fejn membru jħalli warajh armla kif ukoll tfal orfni minn żwieġ li jkun seħħ qabel, jew persuni ohra li jkollhom il-jedd taħtu, jew fejn dan iħalli warajh tfal orfni li jkunu ġejjin minn żwiġijiet differenti, il-pensjoni totali għandha tkun imqassma b'analoġija mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 22, 27 u 28 ta' l-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali."

4. L-Artikolu 20(2) għandu jinbidel b'li ġej:

"2. Is-somom dovuti taħt l-Artikoli 8, 9, 11 u 16 għandhom ikunu ppeżati b'rata ifissata fuq il-bażi ta' l-Artikoli 64 u 65 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għall-pajjiż fejn min qed jirċievi s-somma jipprova li hu residenti. Jekk ir-riċevitur jistabbilixxi r-residenza tiegħu f'pajjiż li għalih ma tkun ġiet adottata l-ebda peżata, il-peżata

[1] ĠU L 268, ta' l-20.10.1977, p. 1.

applikabbli għandha tkun dik li tkun valida għall-Belġju. Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu li jitħallsu, f'konformità mal-kondizzjonijiet għall-ħlas tar-rimunerazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal imsemmija fuq, fil-munita jew tal-pajjiż li tiegħu huma ċittadini, jew f'dik tal-pajjiż fejn huma residenti, jew inkella f'dik tal-pajjiż fejn il-Qorti ta' l-Awdituri hija lokata b'mod proviżorju; l-għażla tagħhom għandha tibqa' titħaddema minn ta' l-anqas għal sentejn. Fejn la l-ewwel u lanqas it-tieni pajjiż minn dawn ma jkun Stat Membru tal-Komunitajiet, is-somom dovuti għandhom jitħallsu fil-munita tal-pajjiż fejn il-Qorti ta' l-Awdituri tkun tinsab b'mod proviżorju."

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabbilixxi d-dħul tal-President u tal-membri tal-Kummissjoni, kif ukoll tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 143/76 [2], qed jiġi hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 6(ċ) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ċ) benefiċċju ta' sosteniment ugwali, għal kull ġurnata sħiħa ta' nuqqas, għal 105 % tal-benefiċċju ta' sosteniment ta' kuljum kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għal uffiċjal fi grad A 1 li jkun fuq missjoni."

2. L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 15(1) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, jekk il-mewt ta' membru tal-Qorti ta' l-Awdituri isseħħ matul iż-żmien tal-kariga tiegħu,

— il-pensjoni tas-superstiti għall-armla għandha tkun ugwali għal 36 % tas-salarju bażiku li dan ikun irċieva meta jseħħ l-att tal-mewt,

— il-pensjoni tas-superstiti għall-ewwel wild orfni li jkun ġej mill-istess missier u omm m'għandhiex tkun anqas minn 12 % tas-salarju bażiku li dan ikun irċieva meta jseħħ l-att tal-mewt. Fejn jitħallew warajh diversi tfal orfni li jkunu ġejjin mill-istess omm u missier, l-ammont sħiħ tal-pensjoni tas-superstiti għandha tinqasam b'mod ugwali fost it-tfal orfni li jkollhom jedd għaliha."

3. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 15:

"7. Fejn membru jħalli warajh armla kif ukoll tfal orfni minn żwieġ li jkun seħħ qabel, jew persuni li għandhom il-jedd taħtu, jew fejn dan iħalli warajh tfal orfni li jkunu ġejjin minn żwiġijiet differenti, il-pensjoni sħiħa għandha titqassam b'analoġija mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 22, 27 u 28 ta' l-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali."

4. L-Artikolu 19(2) għandu jinbidel b'li ġej:

"2. Is-somom tal-flus dovuti taħt l-Artikolu 7, 8, 10 u 15 għandhom jiġu kkunsidrati fuq rata ffissata fuq il-bażi ta' l-Artikoli 64 u 65 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għall-pajjiż li fih min qed jirċievi l-flus għandu juri prova ta' fejn jgħix. Jekk min qed jirċievi l-flus jistabbilixxi r-residenza tiegħu f'pajjiż li għalih l-ebda peżati jkunu għadhom ma ġew adottati, il-peżati applikabbli għandhom ikunu dawk li huma validi għall-Belġju.

Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu li jitħallsu, f'konformità mal-kondizzjonijiet għall-ħlas tar-rimborż stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal imsemmija fuq, fil-munita jew tal-pajjiż li tagħhom huma ċittadini, jew f'dik tal-pajjiż fejn qed jgħixu, jew inkella f'dik tal-pajjiż fejn l-istituzzjoni li għaliha jkunu qed jaħdmu tkun tinsab b'mod proviżorju; l-għażla li huma jagħmlu għandha tibqa' titħaddem minn ta' l-anqas għal sentejn.

Fejn la l-ewwel u lanqas it-tieni pajjiż minn dawn ma jkun Stat Membru tal-Komunitajiet, is-somom dovuti għandhom jitħallsu fil-munita tal-pajjiż fejn l-istituzzjoni li għaliha dawn ikunu qed jaħdmu tkun tinsab b'mod proviżorju."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jkun jgħodd minn Ġunju ta' l-1981.

Madankollu, għas-somom netti li jonqsu b'paragun ma' dawk li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni tas-sistema preżenti, dan ir-Regolament għandu jkun jgħodd biss mill-1 ta' Diċembru 1981. Wara dik id-data, id-differenza bejn l-ammonti netti li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dawk li dawn jirċievu għax-xahar ta' Mejju ta' l-1981 għandhom jitnaqqsu b'wieħed minn kull għaxra għal kull xahar.

[1] ĠU L 187, tat-8.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 15, ta' l-24.1.1976, p. 2.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

D. F. van der MEI